MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

28 ta' Ġunju 2019

# L-MFSA issaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja - Tim ta' esperti finanzjarji jgħin lill-MFSA fil-ħidma tagħha

- Imwaqqaf tim speċjalizzat fil-qasam tal-Kriminalità Finanzjarja, appoġġjat mid-ditta ta' konsulenza Amerikana FTI Consulting
- Dan jippermetti lill-MFSA żżid l-ispezzjonijiet u l-eżaminazzjoni tal-kumpaniji liċenzjati
- L-Awtorità ssaħħaħ ukoll l-isforzi tagħha biex tiggwida lill-industrija f'dak li huma standards ta' konformità fil-qasam tal-kriminalità finanzjarja

Bħala parti mill-ħidma kontinwa biex tissaħħaħ is-superviżjoni u l-konformità mal-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, l-MFSA waqqfet tim aktar b'saħħtu responsabbli minn dan il-qasam. Għal dan l-għan, ir-riżorsi preżenti tal-MFSA ssaħħew b'tim ta' esperti pprovduti mid-ditta ta' konsulenza bbażata fl-Istati Uniti, FTI Consulting.

Taħt it-tmexxija ta' Federica Taccogna, it-tim ġie integrat bis-sħiħ fl-istrutturi fl-MFSA u għandu jaġixxi bħala għodda ta' tranżizzjoni temporanja iżda kruċjali, li tipprovdi mhux biss riżorsi immedjati u żieda fl-għarfien iżda wkoll *coaching* fuq il-post tax-xogħol u appoġġ fir-reklutaġġ. Dan għandu jwassal biex tinħoloq struttura aktar permanenti u b'saħħitha b'rabta mal-Kriminalità Finanzjarja fl-MFSA.

Din l-inizjattiva hija parti mill-isforz kontinwu tal-MFSA biex tevolvi u ssaħħaħ l-istrateġija tagħha fil-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod konġunt mal-FIAU.

Joseph Cuschieri, Kap Eżekuttiv tal-MFSA, ikkumenta li "dan il-proġett jingħaqad perfettament mal-istrateġija tagħna ta' AML/CFT li ppubblikajna aktar kmieni din is-sena. M'hemmx dubju li s-sħubija ma' FTI Consulting se ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' superviżjoni tal-AML/CFT u tgħin lill-MFSA biex l-MFSA ttejjeb l-istandards tagħha fejn tidħol il-konformità."

"B'ħidma fil-qrib mal-FIAU, se jkollna r-riżorsi meħtieġa biex insaħħu l-ispezzjonijiet u l-eżaminazzjoni ta' dawk li għandhom liċenzja. L-għarfien u l-kapaċitajiet analitiċi u forensiċi b'saħħithom fil-qasam tal-kriminalità finanzjarja li għandhom FTI se jippermettulna niksbu livell ta' skrutinju li qatt ma kellna qabel. Dan se jippermettilna wkoll nelevaw l-industrija għal livell ogħla ta' konformità u sofistikazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja."

Paul Ficca, Forensic & Litigation Consulting Segment Leader ma' FTI Consulting, l-Istati Uniti stqarr li "ninsabu kuntenti ħafna b'din is-sħubija u FTI tappoġġja l-isforzi ta' Malta biex issaħħaħ il-ħidma tagħha biex jitnaqqas il-ħasil tal-flus u fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Ninsabu kuntenti li se ningħaqdu fl-isforzi ta' Malta biex tkun *leader* fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja."

Federica Taccogna, li qed tmexxi dan it-tim qalet: "Ninsab eċitata li nkompli nassisti lill-MFSA fil-vjaġġ tagħha li timplimenta l-istrateġija tal-AML/CFT li ppubblikat aktar kmieni din is-sena. Nemmen li s-settur kollu se jgawdi mill-ħidma konġunta tagħna. Filwaqt li l-iskrutinju se jiżdied, se nżidu wkoll il-gwida lill-industrija. L-individwi li naħdem magħhom ta' kuljum fl-MFSA juru passjoni qawwija u determinazzjoni li jagħmlu xogħolhom tajjeb u li jmexxu l-industrija u l-ġurisdizzjoni fil-livell li jmiss. Li nkun parti minn dan l-isforz huwa sfida u unur".

@MFSA strengthens Financial Crime compliance setup with a team of international experts

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjonijiet. Mis-sena li għaddiet, saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hija li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità sueprviżorja indipendenti, proattiva u affidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwarjda l-integrità tas-swieq u tħares -istabilità tas-settur finanzjarju, għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 entità fis-settur tas-sevizzi finanzjarji, li jifforma sa 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

## Dwar FTI Consulting

FTI Consulting hi kumpanija Amerikana li tipprovdi konsulenza u appoġġ lill-klijenti globali fuq kwistjonijiet finanzjarji, operattivi u reputazzjonali kumplessi, inkluż investigazzjonijiet, tilwim, kwistjonijiet regolatorji u kriżijiet finanzjarji u ta' reputazzjoni. FTI regolarment tagħti appoġġ lill-kumpaniji u regolaturi madwar id-dinja fuq l-investigazzjoni u rimedju fi kwistjonijiet ta' kriminalità finanzjarja u nuqqasijeit li jkollhom permezz ta' għarfien profond tas-suġġett u bl-għajnuna ta' ħiliet avvanzati fil-qasam ta' analiżi ta' *data*.

Notabile Road, Attard, BKR3000, Malta
+356 2144 1155
communications@mfsa.com.mt
www.mfsa.com.mt